**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 5 ta' Ottubru 2021**

**Talba numru 249/2020SFJ**

***LUANE VELLA (0255392M)***

***VS.***

***LEONTINE DINGLI (0272094M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

"*Illi:*

1) *Fit-3 ta' April 2020, l-esponenti xtrat karozza tal-għamla 'Golf Mark 7' bin-numru ta' reġistrazzjoni ICB901.*

2) *L-esponenti xtrat din il-karozza għas-somma ta' €13,500 mingħand l-intimata Leontine Dingli.*

3) *Qabel sar il-bejgħ, meta l-karozza kienet qegħda tiġi ċċekkjata, ċioe nhar it-2 ta' April 2020, il-mekkanik tal-esponenti (Michael Bartolo) kien induna b'fault iżda ma setax jagħraf minn fejn kien ġej. Għalhekk, il-partijiet qablu li l-bejgħ isir b'mod normali iżda malli l-fault tal-karozza jkun misjub u msewwi, l-intimata tħallas lill-esponenti tal-ispejjeż inkorsi minnha biex issewwi l-istess faults.*

4) *Malli l-fault kien misjub, missier l-esponenti immedjatament informa lill-intimata sabiex tersaq għall-ħlas tal-ispejjeż. L-intimata diversament wegħdet lir-rikorrenti li kienet se tersaq għal dan il-ħlas iżda hija baqgħet inadempjenti.*

5) *L-esponenti ma kellha ebda għażla oħra għajr li ssewwi l-fault li kien fis-sistema tal-arja kkundizzjonata tal-karozza, u mbagħad titlob rimbors mingħand l-intimata.*

6) *L-ispejjeż imħallsa lill-mekkanik ammontaw għal €505.00 u minkejja diversi interpellazzjonijiet mir-rikorrenti u missierha, l-intimata baqgħet inadempjenti.*

7) *Għalhekk, l-esponenti ma kellhiex għażla oħra għajr li tintavola din it-talba quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob sabiex dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-intimata tħallas lill-esponenti s-somma ta' €505.00 kif ukoll l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż ta' din il-proċedura.*"

Ra li l-partijiet ġew innotifikati bl-Avviż tat-Talba fil-31 ta' Ottubru 2020 (fol. 6).

Ra r-Risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha ġie eċċepit:

"*Illi l-ammont reklamat mhuwiex dovut stante li mhuwiex minnu li l-esponenti aċċettat li tkopri l-ispejjeż relatati mal-kompressur tal-air conditioning unit tal-vettura u dan kif ser jiġi ppruvat mill-provi.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-5 ta' Ottubru 2021.

**<u>Provi mressqa</u>**

Il-konvenuta Leontine Dingli xehdet fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2021. Hija bdiet billi qalet li n-numru tal-*mobile* tagħha kien "99846580" li l-kawża kienet dwar vettura *Volkswagen Golf Mark 7* li l-attriċi kienet xtrat mingħandha. Hija żiedet li għax-xiri tal-vettura l-attriċi kienet akkumpanjata minn missierha, Charlie Vella. Qalet li fl-1 ta' April 2020, Charlie Vella mar jara l-vettura. Imbagħad, fit-2 ta' April 2020, saret laqgħa ħdejn id-dar ta' Charlie Vella fi Gwardamanġia u f'dik l-okkażjoni, Charlie Vella saq il-vettura. Dingli xehdet li fil-fehma tagħha, Vella kien mgħaġġel għax imbagħad, mingħand il-mekkanik marru dritt il-bank. Dingli qalet li dakinhar hija qatgħet il-*loan* li kienet ħadet filwaqt li l-attriċi ħadet *loan* mingħand il-bank. Il-vettura ngħatat lill-attriċi eżattament wara li ttieħdet il-*loan*. Imbagħad sar it-trasferiment tal-vettura.

Dingli kompliet tgħid li għand il-mekkanik kienu marru hi, l-attriċi u missier l-attriċi. Madankollu, fit-2 ta' April 2020, Dingli qalet li ma setgħetx tmur għand il-mekkanik għax kien hemm xi regolamenti marbutin mal-pandemija li skonthom ma setax ikun hemm aktar minn żewġ persuni f'vettura. Għalhekk, it-*test drive* saret mill-attriċi akkumpanjata mill-mekkanik tagħha.

Dingli qalet li l-mekkanik fetaħ il-*bonnet* u qal li sab l-ilma tar-*radiator* nieqes. Qalet ukoll li naqqset elfEwro mill-prezz u r-*radiator* ikun irranġat, iżda ma kienet ser tagħmel ebda konċessjoni oħra. Imbagħad, Dingli xehdet li Charlie Vella beda jgħidilha li l-kompressur tal-arja kkundizzjonata kien relatat mar-*radiator*. Qalet li skont l-informazzjoni li rċeviet mingħand missierha u zijuha, ma kienx minnu li l-kompressur tal-arja kkundizzjonata kien relatat mar-*radiator*. Dingli qalet li fi kwalunkwe każ, hija aċċettat li tħallas għat-tiswijiet tar-*radiator*.

Imbagħad, Vella qalilha li xorta kien ser jieħu l-vettura għand il-mekkanik. Dingli hawn kompliet tinsisti li skont missierha u skont zijuha, ir-*radiator* u l-kompressur tas-sistema tal-arja kkundizzjonata ma kinux relatati. Ġie stabbilit li la missier ix-xhud u lanqas zijuha ma kienu preżenti għall-konverżazzjonijiet ma' Charlie Vella. Inoltre, kien missier ix-xhud li kien jagħmel is-*service* fuq il-vettura, għax missier ix-xhud kien mekkanik.

Dingli spjegat li wara dan, Charlie Vella mar isewwi l-vettura u mbagħad hija rċeviet ittra tramite l-avukat tiegħu.

Xehed ukoll Carmelo Vella, li ppreżenta anki affidavit. B'żieda mal-affidavit, huwa qal li meta hu u bintu (l-attriċi) kienu ħadu interess fil-vettura, marru għand mekkanik. Il-mekkanik saq il-vettura bil-kunsens tal-konvenuta u meta rritorna, qal li l-vettura kellha problema. Speċifikament, qal li l-mekkanik kien qal li "*jonqsilha l-ilma għax hemm il-ħsarat.*" Qal li mhux minnu li r-*radiator* kien il-problema. Qal ukoll li l-konvenuta kienet taf li l-problema kienet fis-sistema tal-arja kkundizzjonata u li ma kinux ser isiru tiswijiet mingħajr il-kunsens tal-konvenuta.

In kontro-eżami, Vella qal li l-mekkanik kien magħżul bil-kunsens taż-żewġ naħat.

Vella reġa' xehed in eżami minħabba problema fir-*recording* (fol. 28 *et seq.*). Huwa qal, fost oħrajn, li kieku l-vettura kellha r-*radiator* bil-ħsara ma kinitx timxi. Qal li mingħajr *radiator*, il-vettura tisħon ħafna u ma tibqax tiffunzjona. Qal li huwa kien jaf dan għax hu stess kien dilettant tal-karozzi. Huwa żied jgħid li meta mar għand il-mekkanik tiegħu, dan ma kellux ċans jara l-vettura. Instab mekkanik ieħor li ma kien jaf lil ħadd mill-partijiet u dan saq il-vettura u rriskontra problema iżda ma qalx x'kienet il-problema u qal li l-problema kienet "*toħroġ waħedha*". Wara ftit ġranet, il-problema kixfet ruħha. Vella nsista li missier il-konvenuta kien jaf li l-ħsara kienet fir-*radiator* u fis-sistema tal-arja kkundizzjonata. Żied jgħid li kien bagħat lill-*electrician* tiegħu u qallu jieħu vidjo tal-kompressur jitneħħa u jitwaħħal ieħor minfloku.

It-Tribunal ra anki l-affidavit ta' Carmelo Vella. Fl-affidavit, huwa qal hekk:

- Illi fit-3 ta' April 2020, bintu (l-attriċi) xtrat vettura tal-għamla Volkswagen Golf Mark 7 (ICB901) mingħand il-konvenuta;
- Illi għad li l-vettura hija ta' bintu, kien hu li kien jikkomunika mal-konvenuta dwar id-difett u ħsarat;
- Illi huwa kkomunika mal-konvenuta fuq in-numru tal-*mobile* tagħha, jiġifieri n-numru 99846580;

- Illi lejlet il-bejgħ, hu u bintu ħadu l-vettura għand Michael Bartolo, il-mekkanik tagħhom, u dan intebaħ b'difett iżda ma setax jagħraf minn fejn kien ġej. F'dik l-okkażjoni kienet preżenti l-konvenuta;

- Illi qablu li l-bejgħ isir xorta iżda kif id-difett ikun identifikat u msewwi, il-konvenuta tħallas l-ispejjeż tat-tiswija;

- Illi l-prezz tal-bejgħ kien ta' tlettax-il elf u ħames mitt Ewro (€13,500);

- Illi xi ġranet wara li sar il-bejgħ, indunaw li d-difett kien fis-sistema tal-arja kkundizzjonata u kien hu li nforma lill-konvenuta. Qalilha sabiex tkun preżenti għand l-*electrician* billi d-difett kien instab, sabiex qabel isewwi, din tkun tista' tara l-ħsara x'kienet. Il-konvenuta qaltlu li ma setgħetx tkun preżenti billi kienet imħabbta. Meta reġa' ċempel biex jiftehmu dwar ġurnata oħra, ma bdietx tirrispondih;

- Illi skont il-messaġġi ppreżentati (dokument CV1), il-konvenuta qatt ma ċaħdet li kellha tħallas għad-difett iżda dan baqgħet qatt m'għamlitu;

- Illi fl-14 ta' April 2020, il-konvenuta tatu struzzjonijiet biex imur hu għand l-*electrician* u mbagħad ikellimha;

- Illi fil-15 ta' April 2020, huwa nforma lill-konvenuta li kien ta l-permess lill-*electrician* biex iwettaq it-tiswijiet u b'messaġġ, hija qaltlu "*OK*";

- Illi wara dakinhar, il-konvenuta bdiet tevita l-kuntatt miegħu; u

- Illi kif jidher mir-riċevuta (dokument CV2), l-ammont li tħallas għat-tiswijiet kien ta' ħames mija u ħames Ewro (€505.00).

Il-konvenuta ppreżentat affidavit (fol. 42 *et seq.*) li fih qalet:

- Illi l-prezz naqas b'elf Ewro (€1,000) għal tlettax-il elf u ħames mitt Ewro (€13,500) għax Carmelo Vella ried li jkun jista' jagħmel *tyres* ġodda għall-vettura;

- Illi ma kienx minnu li Carmelo Vella ma kienx jaf lill-mekkanik stante li kienet bintu li kellha tqabbad il-mekkanik biex jispezzjona l-vettura (u għalhekk mekkanik tal-għażla tal-attriċi u missierha);

- Illi hija ma kinitx taf min kien il-mekkanik li tqabbad mill-attriċi u minn missierha. Dan il-mekkanik spezzjona l-vettura u ħadha dawra flimkien mal-attriċi filwaqt li hija (il-konvenuta) u missier l-attriċi stennewhom;

- Illi kif ġew lura, il-mekkanik qal lill-attriċi u lill-missierha (fil-preżenza tal-konvenuta) li l-vettura kienet fi stat tajjeb ħafna u kien jonqosha biss ftit ilma fir-*radiator* li mlieh dak il-ħin stess quddiem kulħadd. Kien għalhekk li l-attriċi aċċettat li tixtri l-vettura, jiġifieri għax il-mekkanik tagħha qal li ma kellha xejn ħażin;

- Illi quddiem il-mekkanik, missier l-attriċi staqsieha hekk kinitx ser tirranġa xi ħsarat jekk jinqala' xi ħaġa fir-*radiator* u hija (il-konvenuta) wieġbet fl-affermattiv minkejja l-mekkanik kien għadu kif mela l-ilma tar-*radiator* u qal li l-vettura ma kien jonqosha xejn;

- Illi ma kien minnu li l-mekkanik qal li l-vettura kellha difett. Tant dan ma kienx minnu li l-attriċi xtrat il-vettura dakinhar stess u marret il-bank flimkien mal-konvenuta biex tieħu *loan* u tixtri l-vettura. Qalet li l-attriċi xtrat il-vettura għax kienet sodisfatta li ma kellhiex difetti;

- Illi xi ġimgħat wara, Carmelo Vella beda jikkuntattjaha u jgħid li kien mar il-kompressur tal-arja kkundizzjonata. Hi ma kinitx tifhem fil-karozzi u meta Vella beda jibgħat messaġġ wara l-ieħor, qaltlu jmur waħdu għand min jifhem u jkellimha wara. Qalet iżda li meta marret għand il-mekkanik tagħha, dan qalilha li r-*radiator* ma kellu xejn x'jaqsam mas-sistema tal-arja kkundizzjonata u barra minn hekk, meta l-vettura kienet għand il-konvenuta, l-arja kkundizzjonata dejjem ħadmet sewwa;

- Illi kienu kien minnu li l-problema kienet mir-*radiator*, hija, kif wegħdet, kienet lesta tagħmel tajjeb għal tali ħsarat. Iżda lilha ħadd ma kien qalilha jew taha xi dokument li kien juri li l-vettura kellha xi ħsara.

Fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2021 sar il-kontro-eżami tal-konvenuta. Hija qalet li l-mekkanik tal-fiduċja ta' Carmelo Vella ma kellux ċans jispezzjona l-vettura u għalhekk kellu jintgħażel mekkanik ieħor. Il-konvenuta qalet iżda li dan il-mekkanik il-ġdid intagħżel minn Vella u hi (il-konvenuta) ma kinitx tafu.

Hija żiedet tgħid li fil-ħin tal-ispezzjoni, l-ilma fir-*radiator* tal-vettura kien nieqes, u l-mekkanik mela l-ilma dak il-ħin stess. Hija ċaħdet li l-mekkanik qal li ried jinvestiga l-problema tal-ilma nieqes fir-*radiator*.

Meta ġie ssuġġerit lix-xhud li kienet ftiehmet ma' Carmelo Vella li jekk kif jinstab id-difett, huwa kellu jċemplilha, hija qalet li kien b'messaġġ li huwa qalilha bi problema fir-*radiator* u meta hija staqsiet lill-mekkanik tagħha, dan qalilha li r-*radiator* u l-kompressur tas-sistema tal-arja kkundizzjonata ma kellhom xejn x'jaqsmu.

Ix-xhud ippreċiżat li l-ftehim kien li kif Carmelo Vella jsib xi difett speċifikament fir-*radiator*, hija kellha tagħmel tajjeb għalih.

Hija kkonfermat li Carmelo Vella avviċinaha diversi drabi (bil-messaġġi) sabiex tara b'għajnejha l-problema rriskontrata minnu iżda hi hija qaltlu jew li ma setgħetx titkellem jew li ma kinitx disponibbli. F'dawn il-messaġġi, Carmelo Vella kien irrefera għall-kompressur. Hija kkonfermat li kienet ġabet skuża wara l-oħra biex ma tiltaqax ma' Carmelo Vella.

In ri-eżami, il-konvenuta qalet li qatt ma ngħatat xi rapport dwar ħsarat fir-*radiator* u li fir-riċevuta, kien hemm imniżżel biss il-kompressur.

Fl-istess udjenza sar il-kontro-eżami ta' Carmelo Vella. Huwa qabel li kien qal lill-konvenuta biex tmur miegħu għand il-mekkanik. Imbagħad qal li kien hu li ħa l-vettura għand il-mekkanik billi l-mekkanik li oriġinarjament kien ser jispezzjona l-vettura ma setax, u mbagħad kien hemm mekkanik ieħor li l-partijiet ma kinux jafuh u kien dak li spezzjona l-vettura. Huwa nsista li dan il-mekkanik kien magħżul miż-żewġ partijiet. Dwar it-*test drive*, huwa qal li marret l-attriċi (bintu) flimkien mal-mekkanik filwaqt li huwa u l-konvenuta qagħdu barra. Huwa ċaħad li l-mekkanik qal li jonqos biss l-ilma fir-*radiator* u li mela l-ilma quddiemhom.

Vella kompla jgħid li l-vettura ma jonqsilhiex l-ilma u l-fatt li kien hemm l-ilma nieqes kien jindika xi difett. Mistoqsi għaliex il-vettura nxtrat minkejja dak li kien qal il-mekkanik, ix-xhud wieġeb li l-

vettura nxtrat xorta waħda għax il-konvenuta kienet wegħdet li tħallas għat-tiswija tad-difett. Qal ukoll li ma kienx jaf isem il-mekkanik.

Vella qal li sar jaf li d-difett kien mis-sistema tal-arja kkundizzjonata u qal li sar jaf dan għax il-magna tal-vettura bdiet tisħon u mar għand l-*electrician* li kien jismu Clifford. Ix-xhud qal li l-konvenuta kienet irċeviet vidjo tal-*electrician* jaħdem fuq il-vettura.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Qabelxejn, it-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***<u>Raymond Cauchi noe et vs. Michael Angelo Fenech</u>*** (deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015) u l-każistika hemm ikkwotata. Dan qiegħed jingħad fir-rigward tal-prinċipju bażilari tad-dritt li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega. Huwa wkoll fatt magħruf li l-oneru tal-prova joxxilla matul l-andament tal-kawża.

Huwa wkoll ben saput li min jiġġudika għandu joqgħod strettament fil-parametri tal-kawża kif imfissra fl-att promotur u fir-risposta. Għalhekk, it-Tribunal għandu jara jekk il-provi miġjuba jsostnux il-pożizzjoni tal-attriċi kif imfissra fl-att promotur jew il-pożizzjoni tal-konvenuta kif imfissra fir-Risposta, u dan fid-dawl tas-soliti kriterji dwar kif ġudikant għandu jimxi meta jkun hemm provi konfliġġenti. Fi kwalunkwe każ, min jiġġudika ma jistax joħroġ 'il barra mill-parametri tal-kawża.

It-Tribunal ma jistax ma josservax li ħadd mill-partijiet ma ressaq provi ta' natura teknika. Ebda mekkanik jew *electrician* ma ntalab jixhed u ma ġie ppreżentat ebda rapport jew dokument simili mingħand persuna teknika li jispjega jekk il-vettura kellhiex xi difett u x'kien id-difett. Dan huwa nuqqas li jagħmilha aktar diffiċli biex it-Tribunal jasal għal konklużjoni radikata fis-sewwa.

Ir-riċevuta (dokument CV2 a fol. 38) hija l-eqreb li hemm għal prova ta' natura xi ftit teknika. Id-dokument, li hija fotokopja bil-kulur iżda mhux kopja awtentikata (għalkemm mehmuża mal-affidavit ta' Carmelo Vella), tidher li hija fotokopja ta' riċevuta fiskali maħruġa minn Clifford Cassar.

Ir-riċevuta inkwistjoni hija għal ħames mija u ħames Ewro (€505) u hija datata 18 ta' April 2020, b'firma li donnha taqra "C. Cassar" ħdejn id-data. Fil-parti fejn jinkiteb il-*customer name*, hemm il-kliem "*LUANE VELLA GOLF TDI*".

Fit-taqsima tar-riċevuta intestata "*Description of Goods/Service Provided*" hemm żewġ linji. Il-kitba fl-ewwel linja mhijiex kompletament leġibbli u **tidher** li taqra "*Repair Light & Alternator & S/parts*". Il-kaxxa fejn wieħed jikteb l-ammont pagabbli għal dan is-servizz tidher li mtliet iżda mbagħad ġiet oskurata b'xi inka.

It-tieni linja tar-riċevuta **tidher** li nkitbet b'kitba diversa u anki pinna diversa mill-ewwel linja u taqra "*& COMPRESSOR AND LABOUR*". Huwa ħdejn it-tieni linja li hemm l-ammont ta' ħames mija u ħames Ewro (€505).

Għal xi raġuni, Clifford Cassar ma ntalabx jixhed sabiex jispjega eżattament x'kienu t-tiswijiet u/jew xogħlijiet li huwa għamel fuq il-vettura. Fi kwalunkwe każ, mhux ċar jekk il-kompressur li saru t-tiswijiet fuqu kienx jappartjeni lir-*radiator* tal-vettura jew lis-sistema tal-arja kkundizzjonata jew xi sistema oħra tal-vettura.

It-Tribunal jinnota wkoll li għalkemm skont ir-riċevuta **jidher** li l-ammont ta' ħames mija u ħames Ewro (€505) jinkludi "*Repair Light & Alternator & S/parts*", ħadd mill-persuni li xehdu ma qalu li l-

vettura ICB901 kellha bżonn tiswijiet fid-dwal jew fl-*alternator* jew kellha bżonn xi *spare parts*. Inoltre, jekk din ir-riċevuta b'dan il-kliem kienet annessa mal-affidavit ta' Carmelo Vella, mela għaliex Vella ma spjega xejn minn dan fl-affidavit tiegħu?

It-Tribunal osserva wkoll li fil-kontro-eżami li sar fis-6 ta' Lulju 2021, Carmelo Vella qal li kien hu li fetaħ il-kawża għax bintu bdiet tibża'. Huwa ovvju li dan mhuwiex minnu, għaliex l-okkju jindika lil Luane Vella u mhux Carmelo Vella. It-Tribunal jistaqsi għaliex Carmelo Vella donnu ried jinsisti li kien hu li fetaħ il-kawża meta fil-fatt, hemm dokument (fol. 45) li jindika li sar trasferiment ta' tlettax-il elf u ħames mitt Ewro (€13,500) minn Luane Vella (l-attriċi) lil Leontine Dingli (il-konvenuta)?

Barra minn dan, wieħed jinnota li għalkemm fl-affidavit tiegħu, Carmelo Vella qal li l-mekkanik li spezzjona l-vettura kien ċertu Michael Bartolo, fil-kontro-eżami qal li ma kienx jaf l-isem tal-mekkanik (li huwa rrefera għalih diversi drabi bħala "*it-tieni mekkanik*").

Essenzjalment, il-kawża tippernja fuq punt wieħed. Filwaqt li l-konvenuta tgħid li hija aċċettat li tagħmel tajjeb għal difetti li jappartjenu r-*radiator* biss (ara fol. 17 u fol. 20), Carmelo Vella jgħid li l-konvenuta aċċettat li tagħmel tajjeb għal kwalunkwe difett li jirriżulta wara li jsir il-bejgħ (ara l-affidavit ta' Carmelo Vella [fol. 33] fejn jingħad "*Aħna qbilna li l-bejgħ isir b'mod normali iżda malli l-fault tal-karozza jkun misjub u msewwi, Leontine tħallas għal tali spejjeż. Aħna għamilna dan billi ma konniex ċerti kemm kienet ser tiġi l-ispiża u għalhekk ma naqqasniex somma mill-prezz mitlub bl-addoċċ*").

It-Tribunal jgħid bla tlaqliq li mhuwiex konvint li t-talbiet tal-attriċi jimmeritaw li jiġu milqugħa, u dan inkwantu li huma bbażati fuq riċevuta (fol. 38) li għandha l-partikolaritajiet tagħha kif diġà deskritt, u liema riċevuta ma ġietx spjegata taħt ġurament minn Clifford Cassar (il-persuna li ħariġha), li kien ikun xhud idoneu sabiex jgħid ċar u tond x'difetti sab fil-vettura u minn fejn kienu joriġinaw. Dan biex wieħed ma jerġax isemmi l-fatt li Michael Bartolo, il-mekkanik li spezzjona l-vettura, ma tressaqx sabiex jixhed u jispjega taħt ġurament x'difetti sab jew ma sabx fil-vettura meta spezzjonaha.

Għaldaqstant, it-Tribunal itenni li mhuwiex tal-fehma li l-attriċi rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest skont il-liġi.

## <u>**Deċide**</u>

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi u jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minnha.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**